# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **738/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1025/2021 fl-ismijiet:**

## KARKANJA DEVELOPMENTS LIMITED (C34155) U TURNKEY LIMITED (C55175)

**vs**

## TAL-KARMNU CONSTRUCTION COMPANY LIMITED (C17718)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba tas-soċjeta' Tal-Karmnu Construction Company Limited magħmula ai termini tal-artikoli 836(1)(a), (b), (d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1025/2021;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju 2021, is-soċjetajiet Karkanja Developments Limited u Turnkey Limited talbu illi jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tas-soċjeta' Tal-Karmnu Construction Company Limited, in kawtela tas-somma ta' seba' mitt elf Ewro (€700,000), rappreżentanti danni ġia sofferti u li għadhom qed jiġu sofferti miż-żewġ soċjetajiet sekwestranti minħabba aġir tas-soċjeta' Tal-Karmnu Construction Company Limited;

3. Din il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetajiet sekwestranti sabiex jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif rikjest (mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1025/2021 fl-ismijiet ***Karkanja Developments Limited u Turnkey Limited vs Tal-Karmnu Construction Company Limited***) nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju 2021 stess;

4. B'rikors preżentat nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 2021, is-soċjeta' Tal-Karmnu Construction Company Limited ppremettiet illi ż-żamma tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1025/2021 fl-ismijiet ***Karkanja Developments Limited u Turnkey Limited vs Tal-Karmnu Construction Company Limited*** mhix mistħoqqa, illi l-mandat inħareġ purament u unikament bi skopijiet ta' ritorsjoni, u illi l-mandat għandu għalhekk jiġi revokat ai termini tal-Artikoli 836(1)(a), (b), (d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre, is-soċjeta' sekwestrata talbet ukoll illi s-soċjetajiet sekwestranti għandhom jeħlu penali ai termini tal-Artikoli 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Permezz ta' risposta preżentata nhar il-wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 2021, is-soċjetajiet sekwestranti opponew għat-talbiet tas-soċjeta' sekwestrata, u dan stante illi l-argumenti mressqa mis-soċjeta' sekwestrata huma infondati fil-fatt u fid-dritt, li ma tissussisti l-ebda waħda mir-raġunijiet għal revoka taħt l-Artikoli 836(1)(a), (b), (d) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li, f'dak illi jirrigwarda t-talba għall-ħlas ta' penali, l-ammonti kawtelati mis-soċjeta' sekwestranti huma ġustifikati u ma jistax jingħad li s-soċjeta' sekwestranti aġixxiet b'xi frivolosita', vessatorjeta' jew malizja.

**Fatti tal-Każ**

6. Jirriżulta mill-atti u dokumenti preżentati illi s-soċjeta’ Tal-Karmnu Construction Company Limited u s-soċjeta’ Karkanja Developments Limited huma s-sidien ta’ żewġ proprjetajiet biswit ta’ xulxin, illi waslu għal ftehim bejniethom fejn Tal-Karmnu Construction Company Limited ikkostitwixxiet servitu’ a favur Karkanja Developments Limited sabiex tkun tista’ tqatta’ l-blat mingħajr ma titħalla distanza mill-ħajt diviżorju bejn iż-żewġ proprjetajiet, filwaqt illi Karkanja Developments Limited ikkostitwixxiet servitu’ a favur Tal-Karmnu Construction Company Limited konsistenti fid-drittu t’użu u aċċess għall-garaxxijiet u spazji ta’ parkeġġ fil-livell ta’ *basement* fil-proprjeta’ ta’ Karkanja Developments Limited. Jidher illi f’dan l-istess ftehim, Tal-Karmnu Construction Company Limited obbligat ruħha u rrinunzjat għad-dritt tagħha li titlob il-ħruġ ta’ mandati li jkollhom effett li direttament jew indirettament iwaqqfu x-xogħolijiet fis-sit ta’ Karkanja Developments Limited, filwaqt illi s-soċjeta’ Karkanja Developments Limited obbligat ruħha illi tlesti x-xogħol fil-partijiet komuni soġġetti għas-servitu maqbula bejn il-partijiet sal-aħħar ta’ Marzu 2022 taħt penali ta’ ħamsa u għoxrin Ewro (€25) kuljum. Kopja ta’ dan il-ftehim ġie anness mar-rikors odjern u mmarkat bħala **Dok A**;

7. Jidher illi bejn il-partijiet qamu xi vertenzi rigward l-aċċess tas-soċjeta’ sekwestrata għall-garaxxijiet, stante illi qed jiġi allegat illi l-livelli kif saru fil-proprjeta’ ta’ Karkanja Developments Limited ma jagħtux possibilta’ t’aċċess għall-garaxxijiet mill-proprjeta’ ta’ Tal-Karmnu Construction Company Limited. In oltre, s-soċjeta’ Tal-Karmnu Construction Company Limited qed tallega wkoll illi minħabba dawn id-diżlivelli, ma ħarġux il-*compliance certificates* tal-proprjeta’ tagħhom, u l-proprjeta’ tagħhom baqgħet bla dawl u ilma. Għaldaqstant, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha għat-telf ta’ kirjiet illi hija allegat illi qed titlef per konsegwenza tal-aġir tas-soċjeta’ Karkanja Developments Limited, is-soċjeta’ Tal-Karmnu Construction Company Limited intavolat il-mandat ta’ sekwestru bin-numru

943/2021, kif ukoll mandat t'inibizzjoni numru 942/2021/1 illi permezz tiegħu talbet illi Karkanja Developments Limited jitwaqqfu milli jipproċedu bl-iżvilupp kollu fil-proprjeta' tagħhom. Dawn iż-żewġ mandati ġew it-tnejn milqugħa;

8. Eventwalment, Karkanja Developents Limited iddepożitat fir-Reġistru tal-Qorti l-ammont illi kien qiegħed jintalab illi jiġi kawtelat mis-soċjeta' Tal-Karmnu Construction Company Limited, u l-mandat ta' sekwestru bin-numru 943/2021 ġie revokat;

9. Mill-banda l-oħra, il-mandat t'inibizzjoni għadu in vigore, iżda saret talba għar-revoka tiegħu li tinsab differita għall-erbgħa (4) ta' Novembru 2021 quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta. Jirriżulta mid-dokumenti in atti, iżda, illi kellu jsir xi forma ta' attentat sabiex il-partijiet jittransiġu bejniethom, u/jew jippruvaw jaslu għal kompromess rigward il-vertenzi ta' bejniethom (vide **Dok B** anness mar-risposta tas-soċjetajiet sekwestranti);

10. Sadanittant, iżda, is-soċjeta' Karkanja Developments Limited, flimkien mas-soċjeta' Turnkey Limited illi qiegħda effettivament tiżviluppa l-proprjeta' ta' Karkanja Developments Limited, intavolat il-mandat ta' sekwestru odjern, u dan sabiex tikkawtela danni minnha ġia sofferti, u li għad iridu jiġu sofferti, sakemm huwa wieqaf ix-xogħol ta' żvilupp fil-proprjeta' tagħha per konsegwenza tal-mandat t'inibizzjoni intavolat mis-soċjeta' Tal-Karmnu Construction Limited. Is-soċjetajiet Karkanja Developements Limited u Turnkey Limited ikkwantifikaw tali danni fl-ammont ta' seba' mitt elf Ewro (€700,000).

**It-Talba għal Revoka mis-Soċjeta' Sekwestrata Tal-Karmnu Construction Company Limited**

11. Din it-talba għal revoka ġiet magħmula ai termini:

    a. tal-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk, *"l-att kawtelatorju m'għadux aktar fis-seħħ"*;

b. tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk, *"waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*;

c. tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"*; u/jew

d. tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

12. Is-soċjeta' rikorrenti tibbaża t-talba tagħha fuq l-argument illi meta ntavolat il-mandat t'inibizzjoni, hija kienet qiegħda biss tikkawtela d-drittijiet tagħha naxxenti minn ksur ta' obbligu kuntrattwali, u li dan il-mandat ġie intavolat bi tpattija għall-azzjoni ġudizzjarja meħuda mis-soċjeta' Tal-Karmnu Construction Company Limited, minflok ma ġie utilizzat mis-soċjetajiet sekwestranti r-rimedju tat-talba għal revoka tal-mandati kif stabbilita fl-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Minn barra r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, is-soċjeta' rikorrenti talbet ukoll illi s-soċjetajiet sekwestranti jiġu kundannati jħallsu l-penali massimi kontemplati mill-artikoli 836(8) tal-Kap 12, u dan għar-raġunijiet mogħtija fis-subinċiż (b) u/jew (d) tal-istess Artikolu.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Soċjetajiet Sekwestranti Karkanja Developments Limited u Turnkey Limited**

14. Mill-banda l-oħra, is-soċjetajiet sekwestranti laqgħu għat-talbiet tar-rikorrenti billi saħqu illi:

a. Fl-ewwel lok, is-soċjeta' sekwestrata qiegħda tibni l-argumenti tagħha għar-revoka tal-mandat odjern billi tidħol fil-fatti u l-mertu tal-kawża proprja bejn il-partijiet, meta l-Qorti f'dan l-istadju għandha biss tagħmel eżami *prima facie*;

b. Fir-rigward tar-raġuni għal revoka ai termini tal-**Art 836(1)(a)** tal-Kap 12: Is-soċjetajiet sekwestranti ressqu kawża fil-mertu *entro* t-terminu stabbilit fil-liġi in segwitu għall-mandat ta' sekwestru kawtelaorju odjern;

c. Fir-rigward tar-raġuni għal revoka ai termini tal-**Art 836(1)(b)** tal-Kap 12: Mill-atti illi għandha quddiem din il-Qorti, jirriżulta b'mod ċar illi l-erba' rekwiżiti rikjesti mil-liġi proċedurali sabiex tintlaqa' talba għal-ħruġ ta' mandat kawtelatorju kienu jissussistu fil-mument meta ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju odjern, u għadhom hekk jissussistu sal-lum;

d. Fir-rigward tar-raġuni għal revoka ai termini tal-**Art 836(1)(d)** tal-Kap 12: Jissussisti l-*fumus juris* jew bażi ta' pretensjoni sabiex il-mandat odjern jibqa' in vigore. L-ammont kawtelat mis-soċjetajiet sewkestranti ġie spjegat fid-dettal fir-rikors illi fih intalab il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju odjern, u huwa ammont illi ġie kwantifikat b'kawtela u għalhekk raġjonevoli;

e. Fir-rigward tar-raġuni għal revoka ai termini tal-**Art 836(1)(f)** tal-Kap 12: Is-soċjeta' sekwestrata ma tat l-ebda raġuni valida għalfejn iċ-ċirkostanzi m'humiex raġjonevoli, il-mandat mhux aktar neċessarju, u/jew il-mandat mhux aktar ġustifikabbli. In oltre, jirriżulta mill-fatti tal-każ kif esposti illi s-soċjetajiet sekwestranti kellhom kull dritt illi jitolbu l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju odjern;

15. F'dak li jirrigwarda l-ħlas ta' penali, is-soċjetajiet sekwestranti sostnew illi: (i) l-ammonti indikati fil-mandat odjern ġew ġustifikati billi ġie indikat preċiżament fiex jikkonsisti t-telf soffert u li għadu qed jiġi soffert, u (ii) ma

jistax jingħad għalhekk illi s-soċjetajiet sekwestranti aġixxew b'xi frivolosita', vessatorjeta' u/jew malizja;

16. Għaldaqstant, is-soċjetajiet sekwestranti talbu illi jiġu miċħuda t-talbiet tas-soċjeta' sekwestrata magħmula permezz tar-rikors odjern, bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Il-Qorti**

17. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati;

18. Wara illi reġgħet rat id-digriet tagħha tal-ħdax (11) t'Awwissu 2021;

19. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

20. Jiġi primarjament senjalat illi l-istħarriġ illi tagħmel il-Qorti f'rikors bħal dak odjern huwa pjuttost limitat, u d-deċiżjoni illi tieħu l-Qorti f'dan l-istadju m'għandux jiġi interpretat bħala ġudizzju dwar il-mertu tal-kawża. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'digriet fl-ismijiet ***Dom Communications Ltd vs Office Group Limited***[1]:

> *Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża* ***"Camilleri vs Govè et"*** *deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:*

[1] Ċit Nru 1183/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lawrence Mintoff, 28 t'April 2015. Ara wkoll ***Fatima Zahra Zeroual vs Hashin Kuduzovic***, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/17, Onor Imħ Francesco Depasquale, 13 ta' Mejju 2021

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

*Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.*

*Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat wara l-aċċertament prima facie li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami prima facie li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond, u dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn.*

21. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 836(1)(a), 836(1)(b), 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap 12. Jiġi senjalat, iżda, illi s-soċjeta' rikorrenti ma tindikax fir-rikors tagħha b'mod speċifiku l-argumenti in sostenn tat-talba tagħha għal kull sub-inċiż,

iżda tagħmel talba waħda b'mod ġenerali, b'dana illi l-Qorti tikkonkludi illi l-argumenti illi s-soċjeta' rikorrenti ressqet fir-rikors għandhom jiġu kunsidrati taħt kull waħda mill-erba' kapijiet suriferiti;

22. L-artikolu 836(1) jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat *"**għal xi waħda** minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin"*[2], b'dana illi r-raġunijiet għar-revoka ta' att kawtelatorju elenkati fl-istess artikolu għandhom jiġu interpretati bħala raġunijiet alternattivi, u mhux kumulattivi. Isegwi għalhlekk illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat anke fil-każ illi tissussisti raġuni waħda biss minn dawk kollha elenkati fl-art 836(1);

23. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra kull wieħed mill-provvedimenti tal-liġi msemmija fit-talba tar-rikorrenti separatament:

**(A) Artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12**

24. L-art 836(1)(a) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi l-att kawtelatorju jista' jiġi revokat fil-każ illi, *"l-att kawtelatorju m'għadux aktar fis-seħħ"*;

25. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Massimo Galea vs Emanuel Baldacchino***[3]:

> *Dan is-subartikolu jittratta każijiet fejn l-att kawtelatorju, li tiegħu tkun qed tintalab ir-revoka, m'għadux aktar fis-seħħ.*
>
> *Illi skont l-**artikolu 843(1) u (2) tal-Kap 12** li jistipula:*
>
> *(1) "Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat."*

---

[2] Emfasi tal-Qorti

[3] Rik Ġur Nru 224/2018, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 470/07, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 10 ta' Lulju 2018, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland (Emfasi tal-Qorti). Ara wkoll Rikors Nru 294/2018 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 500/18, ***Unique Turnkey Limited ġia Unique Construction & Developers Limited vs Prime Care Limited***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 27 ta' Ġunju 2018, Onor Imħ Silvio Meli

(2) *"Jekk is-sekwestrant jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha."*

*Illi b'referenza għall-**artikolu 836(1)(a)**, ġie ritenut mill-Qrati nostrali, fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Fahrenheit Freight Forwards Co. Ltd u Elaine Sant Galea vs Market Handle Limited u Celine Lee Bentley** (deċiża fit-30 ta' Diċembru 2011, Prim Awla, Rikors Numru 1067/2011(JRM)) li: "Din id-disposizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat Kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob deċiżjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiż imħares b'dak il-Mandat. Jekk min joħroġ Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni meħtieġa fiż-żmien mogħti mil-liġi, il-Mandat jaqa' hekk kif jgħaddi dak iż-żmien. Din hija normalment, l-unika waħda mis-sitt raġunijiet maħsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat b'sempliċi kostatazzjoni mill-atti, għaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawża jew le."*

26. Jirriżulta mir-risposta tas-soċjetajiet sekwestranti għar-rikors tas-soċjeta' sekwestrata illi kawża fil-mertu ġiet intavolata nhar is-26 ta' Lulju 2021, u cioe entru l-għoxrin jum minn meta nħareġ il-mandat de quo, permezz tar-rikors ġuramentat numru 730/2021 fl-ismijiet ***Karkanja Developments Limited u Turnkey Limited vs Tal-Karmnu Construction Company Limited***. Il-kawża tirrigwarda preċiżament l-istess mertu tal-mandat odjern, u cioe danni riżultanti per konsegwenza tal-mandat t'inibizzjoni numru 942/2021 intavolat mis-soċjeta' Tal-Karmnu Construction Company Limited fil-konfront tas-soċjeta' Karkanja Developments Limited, u qiegħda tinstema' wkoll minn din il-Qorti kif presjeduta;

27. Għaldaqstant jirriżulta mill-atti stess illi **t-talba għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(a) m'għandhiex tiġi akkolta, u dan stante illi l-att kawtelatorju għadu fis-seħħ**.

**(B) Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12**

28. L-art 836(1)(b) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat fil-każ illi, *"waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*. Dan il-provvediment tal-liġi jirrikjedi għalhekk illi jkunu jissussistu żewġ elementi prinċipali:

(a) l-eżistenza tal-hekk imsejħa ħtiġijiet tal-liġi proċedurali għall-ħruġ tal-att kawtelatorju fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att; u

(b) bidla fiċ-ċirkostanzi minn meta tkun intlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-att kawtelatorju sa meta ssir it-talba għar-revoka;

29. Dwar l-ewwel element, u cioe l-eżistenza tal-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et***[4], b'referenza għal dak illi ntqal fid-digriet fl-ismijiet ***Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart***[5]:

> *Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilita' tal-persuna li tkun talbitu.*

[4] Rik Nru 985/2020 fl-atti tal-Mandat Nru 1397/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 11 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

[5] Rik Nru 336/2005 fl-atti tal-Mandat Nru 494/2005, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 29 ta' Lulju 2005, Onor Imħ Joseph R Micallef

30. Iridu għalhekk oriġinarjament jissussistu dawn l-erba' elementi sabiex talba għall-ħruġ t'att kawtelatorju tintlaqa' mill-Qorti illi quddiemha ssir tali talba;

31. Dwar it-tieni element, u cioe bidla fiċ-ċirkostanzi, ġie wkoll ritenut ukoll fl-istess digriet fl-ismijiiet ***Caruana Galizia et vs Fenech et*** appena ċitat, b'referenza wkoll għad-digriet fl-ismijiet ***Mangion Galea vs Stewart***:

> *Fi kliem dik id-disposizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li l-mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ.*

32. L-istess sostniet din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi noe vs Jebmed SRL***[6]:

> *Din id-disposizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;*

33. Is-soċjeta' sekwestrata ma tagħti l-ebda indikazzjoni fir-rikors tagħha dwar liema mill-erba' rekwiżiti suriferiti hija qiegħda tikkontendi illi huwa nieqes. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa jekk kinux jissussistu, u baqgħu hekk jissussistu saħansitra anke wara l-ħruġ tal-mandat

[6] Mandat Nru 964/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Settembru 2019, Onor Imħ Joseph R Micallef

kawtelatorju odjern, l-hekk imsejħa *"ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju"* fil-każ odjern:

a. Karkanja Developments Limited hija l-proprjetarja tas-sit in kwestjoni, filwaqt illi Turnkey Limited hija s-soċjeta' illi qegħda tesegwixxi x-xogħol ta' żvilupp fl-istess sit. Il-kawża fil-mertu saret dwar danni illi qegħdin allegatament jiġu sofferti kemm minn Karkanja Developments Limited, kif ukoll minn Turnkey Limited. Għaldaqstant jirriżulta illi ġie *prima facie* stabbilit illi s-soċjetajiet sekwestranti għandhom xi forma ta' pretensjoni ta' dritt fil-konfront tas-soċjeta' sekwestrata;

b. Karkanja Developments Limited u Turnkey Limited intavolaw kawża permezz ta' rikors ġuramentat illi ġie preżentat nhar is-26 ta' Lulju 2021, u cioe fi żmien għoxrin (20) jum mill-ħruġ tal-mandat odjern, kif rikjest mil-liġi;

c. Mhux nieqes mill-mandat odjern xi wieħed mir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu, fatt illi lanqas tidher illi qiegħda tikkontestah is-soċjeta' sekwestrata, stante illi m'għamlet l-ebda aċċenn għal xi nuqqas ta' rekwiżit mitlub mil-liġi illi, per konsegwenza, jirrendi l-mandat odjern null;

d. Jidher illi l-mandat odjern inħareġ u ġie esegwit taħt ir-responsabbilta' tas-soċjetajiet li talbuh, kif jirriżulta anke mill-fatt illi baqgħu fermi u kostanti fil-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tas-soċjeta' sekwestrata;

34. Il-Qorti tinnota illi dawn ir-rekwiżiti kienu jissussistu meta ntlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, u, minn dak illi tista' tikkonstata l-Qorti, anke jekk fuq bażi *prima facie*, għadhom jissussistu sal-lum. Milli tista' tifhem il-Qorti mir-rikors tas-soċjeta' sekwestrata, jidher illi hija qiegħda tikkontesta l-pretensjoni tas-soċjetajiet sekwestranti, b'dana illi qiegħda targumenta illi s-soċjetajiet sekwestranti m'għandhom l-ebda pretensjoni, iżda intavolaw

il-mandat odjern bħala tpattija għall-mandati illi kienet intavolat fil-konfront tagħhom is-soċjeta' sekwestrata fi proċeduri oħra. Hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, din il-Qorti, illi għandha biss mansjoni illi tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikors odjern fuq dak illi jidher mad-daqqa t'għajn, hija tal-fehma illi s-soċjetajiet sekwestranti għandhom, *prima facie*, bażi għal pretensjoni. Jekk is-soċjeta' sekwestrata għażlet illi tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha billi tintavola l-mandati kawtelatorji fil-konfront tas-soċjeta' Karkanja Developments Limited, allura daqstant ieħor kellhom kull dritt is-soċjetajiet sekwestranti illi jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom billi jintavolaw il-mandat kawtelatorju odjern. Naturalment, issa sta għas-soċjetajiet sekwestranti illi jissostanzjaw il-pretensjonijiet tagħhom bl-aħjar prova fil-kawża apposita dwar il-mertu;

35. Għaldaqstant il-Qorti **tiddikjara illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12**;

**(C) Artikolu 836(1)(d)**

36. L-Artikoli 836(1)(d) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

37. Din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet fl-ismijiet ***Johan Huy pro et noe vs Mark Attard***[7], spjegat:

> *20. Bħala daħla, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni ta' kreditur sakemm tinqata' kawża, ħalli jekk kawża tinqata' favurih, huwa jkun jista' jinforza s-sentenza fuq il-ġid tad-debitur li jkun ġie milqut bil-mandat. Fi kliem ħafif, il-mandati kawtelatorju qegħdin hemm, ħalli sakemm tinqata' l-kawża,*

[7] Rik Nru 656/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 21 ta' Lulju 2021

*id-debitur ma jaħbix flusu jew ma jnaqqasx minn ġidu biex dan jevita milli jħallas lill-kreditur f'każ li d-debitur joħroġ tellief mill-kawża (ara* **Ignazio Gatt v. Żakkarija Calleja** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Għalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa ċertu punt għodda ta' serħan tal-moħħ għall-kreditur, li huwa ħa jkollu minn fejn jista' jitħallas jekk jingħata raġun fis-sentenza finali;*

38. Tajjeb illi jiġi wkoll imfakkar illi l-istħarriġ illi tagħmel il-Qorti f'rikors bħal dak odjern huwa pjuttost limitat, u d-deċiżjoni illi tieħu l-Qorti f'dan l-istadju m'għandux jiġi interpretat bħala ġudizzju ta' kwalsiasi xorta dwar il-mertu tal-kawża. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'digriet fl-ismijiet ***Dom Communications Ltd vs Office Group Limited***[8]:

> *"Tqis illi Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu qegħda tistrieħ is-sekwestrata fit-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat, huwa msejjes fuq eżami prima facie li jrid isir biex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le jew huwiex eċċessiv:*
>
> *[...]*
>
> *Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża* ***"Camilleri vs Govè et"*** *deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:*

[8] Ċit Nru 1183/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lawrence Mintoff, 28 t'April 2015. Ara wkoll ***Fatima Zahra Zeroual vs Hashin Kuduzovic***, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/17, Onor Imħ Francesco Depasquale, 13 ta' Mejju 2021

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

*Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.*

*Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat wara l-aċċertament prima facie li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami prima facie li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond, u dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn.*

39. Sabiex, imbagħad, jitħassar mandat ai termini tal-art 836(1)(d) tal-Kap. 12, ġie senjalat fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited***[9]:

---

[9] Rik Nru 688/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 10 t'Awwissu 2012

*Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti;*

*Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat;*

40. Il-Qorti wieżnet l-inkonvenjent illi l-mandat odjern qed joħloq lis-soċjeta' sekwestrata fuq naħa, u l-ħarsien tal-pretensjoni tas-soċjetajiet sekwestranti sakemm tinqata' l-kawża fil-mertu fuq in-naħa l-oħra:

41. Hekk kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq, jirriżulta lill-Qorti, fuq eżami tagħha *prima facie* tal-każ odjern, illi s-soċjetajiet sekwestranti għandhom bażi ta' pretensjoni fil-konfront tas-soċjeta' sekwestrata. Fir-risposta tagħhom, is-soċjetajiet sekwestrati jagħtu, b'mod dettaljat, *breakdown* tal-ispejjeż u danni illi jinkludi l-ammont minnhom pretiż u kawtelat permezz tal-

proċeduri odjerni, liema *breakdown*, mad-daqqa t'għajn, jirrendi ġustifikat l-ammont pretiż;

42. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' sekwestrata, fir-rikors tagħha, targumenta illi l-mandat huwa wieħed pjuttost fieragħ għaliex inħareġ bi skopijiet ta' ritorsjoni, iżda ma tindirizzax l-ammont pretiż u l-kwalita' ta' danni kif elenkati mis-soċjetajiet sekwestranti per se;

43. Wara li għamlet il-kalkoli u l-osservazzjonijiet tagħha skont dan il-*breakdown*, il-Qorti, f'dan l-istadju, mhix tal-fehma illi l-ammont pretiż huwa wieħed esaġerat. Naturalment, din il-konklużjoni m'għandhiex, b'xi mod, tiġi meqjusa bħala pronunzjament tal-Qorti dwar il-mertu, u ser jispetta fuq is-soċjeta' sekwestranta illi eventwalment tissostanzja l-pretensjoni tagħha bil-provi fil-mertu; iżda, madanakollu, din il-Qorti mhix konvinta illi għandha tordna r-revoka u/jew riduzzjoni tas-somma kawtelata a bażi tal-provi illi għandha quddiemha f'dan l-istadju;

44. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, huwa *prima faċie* ġustifikat u mhux eċċessiv. Konsegwentement, il-Qorti **tiddikjara illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12**.

## (D) Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12

45. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

46. Taħt l-Artikolu 836(1)(f), bħal fil-każ tal-Artikolu 836(1)(b), jeħtieġ illi tissussisti bidla fiċ-ċirkostanzi illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu

superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[10]:

> *Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* **Spiteri vs Darmanin** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*
>
>> *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*
>
> *Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*
>
> *Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* **Jamar Malta Limited vs Office Group Limited**, *saru dawn ir-rilievi:*
>
>> *"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli*

[10] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

*li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.")."*

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[11]

47. Fil-każ in eżami ma nġabet l-ebda prova illi ċ-ċirkostanzi nbiddlu wara d-data tal-ħruġ tal-mandat b'tali mod illi l-mandat jista' jiġi meqjus bħala mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli. Il-mandat t'inibizzjoni in kwestjoni għadu s'issa in vigore, u jirriżulta illi, kuntrarjament għal dak sostnut mis-soċjeta' sekwestrata, is-soċjetajiet sekwestranti ressqu talba għar-revoka tal-istess, liema talba għadha sejra tiġi trattata mill-partijiet quddiem din il-

[11] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

Qorti kif diversement presjeduta. Il-mandat odjern ġie intavolat saħansitra qabel instema' u ġie akkordat b'mod definittiv il-mandat t'inibizzjoni[12], u għaldaqstant kien impossibbli għas-soċjetajiet sekwestranti illi jressqu rikors għar-revoka tal-mandat t'inibizzjoni f'dak l-istadju. Jekk kellhom jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom għad-danni illi qegħdin jallegaw illi ġew minnhom sofferti per kawża tal-mandat t'inibizzjoni f'dak l-istadju hekk bikri, ma kellhom l-ebda alternattiva oħra s-soċjetajiet sekwestranti għajr illi jintavolaw il-mandat odjern, fiċ-ċirkostanzi;

48. Għaldaqstant, **lanqas jirriżulta lil din il-Qorti illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-Talba għall-Ħlas ta' Penali u Danni**

49. Is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob ħlas ta' penali ai termini tal-Artikoli 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kap.12;

50. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut***[13]:

> *Tajjeb jingħad li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom.*
>
> *Il-vessatorjeta' twassal għar-responsabilita'. Min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u jkun ibbaża t-talba fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una*

[12] Jirriżulta minn **Dok B** anness mar-risposta għar-rikors odjern illi l-mandat t'inibizzjoni instema' nhar it-8 ta' Lulju 2021, filwaqt illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern ġie intavolat mis-soċjetajiet sekwestranti nhar is-7 ta' Lulju 2021.

[13] Mandat Nru 1408/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 2 ta' Lulju 2020

*domanda per danni da parte del vincitore nella lite' (sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXVI.I.405**). Il-vessatorjeta' timplika grad ta' kolpożita' u kattiverija. Twassal ukoll għal abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.*

51. In oltre, fid-digriet fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited*** suċitat, il-Qorti kompliet telabora dwar il-penali kif isegwi:

*Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista</u>' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*[14]

[14] Ara wkoll: ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et*** (suċitata); ***Joseph Tabone vs Capece Construction Limited***, Rik Nru 67/2013 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 1595/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 14 t'Aww'ssu 2013

52. Fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob illi jiġu imposti penali fuq żewġ ċirkostanzi minn erbgħa, u cioe:

(a) *"jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' biżżejjed"* – Art 836(8)(b);

(b) *"jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja"* – Art 836(8)(d);

53. Mill-kuntest tar-rikors odjern, il-Qorti tasal tiddeduċi illi t-talba tas-soċjeta' sekwestrata hija motivata mill-argument tagħha illi l-mandat odjern ma kienx ġustifikat fil-konfront tagħha, u sar in *male fede*. Madanakollu, il-Qorti, hekk kif spjegat diġa' aktar 'il fuq, mhix tal-fehma illi l-mandat odjern ma kienx ġustifikat. Lanqas hi tal-fehma illi sar in *male fede*. *Prima facie* jidher illi s-soċjetajiet sekwestranti għandhom pretensjoni fil-konfront tas-soċjeta' sekwestrata. Jekk effettivament is-soċjeta' sekwestrata għandhiex tinżamm responsabbli għad-danni per konsegwenza tal-passi illi hija ħadet fil-konfront tas-soċjetajiet sekwestranti, huwa punt illi għandu jiġi eżaminat fil-kawża dwar il-mertu, iżda l-Qorti hija sodisfatta illi s-soċjetajiet sekwestranti ma kinux qed jabbużaw mill-istitut tal-mandati kawtelatorji meta talbu illi jinħareġ il-mandat odjern;

54. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **ma tirriskontra ebda ċirkostanzi li trid il-liġi li jistgħu jiġġustifikaw l-imposizzjoni tal-penali fuq is-soċjetajiet sekwestranti**;

**Decide**

55. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad it-talbiet</u>** tas-soċjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-soċjeta' Tal-Karmnu Constructions Company Limited.

**Digriet kamerali mogħti llum, l-ewwel (1) ta' Novembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**